MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1131/2005

**James Camilleri & Son Limited**

**vs**

**Carmel Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Mejju, 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ordnat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm630 (sitt mija u tletin lira Maltija), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata lilu.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' April 2005, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum.

Rat in-nota pprezentata mill-konvenut fil-25 t’Awissu 2005 fejn huwa ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u tletin lira Maltija (Lm630), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tal-15 ta’ April 2005, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------